MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 10/2013

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi hija zzewwget lil C B fit-28 ta’ Lulju 2007 fil-Knisja Parrokjali tal-Gharghur skond kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn mehmuz u mmarkat bhala Dok JB1;
2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied ;
3. Illi il-kunsens ta’ l-intimat zewgha kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ai termini ta’ l-Artikolu 19 (1d) tal-Kap. 255 u tal-Artikolu 19 A (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
4. Illi il-kunsens ta’ l-intimat kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt tal-att taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 19 (1)(f) tal-Kap. 255 u tal-Artikolu 19 A (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
5. Illi il-fatti fil-qosor graw hekk : Fl-gherusija l-partijiet kellhom relazzjoni normali anke f’dik li hija intimita bejniethom. Ftit xhur qabel ma zzewwgu mbaghad ir-rikorrenti qalet lill-intimat illi tixtieq li jieqfu jkollhom x’jaqsmu sesswalment sabiex zgur ma tinqabadx tqila sat-tieg u hekk ghamlu ;
6. Illi izzewwgu u marru l-honeymoon u minn hemm bdew il-problemi. L-intimat ma riedx iktar ikollu x’jaqsam mar-rikorrenti. Hija ma setghetx tifhem x’qed jigri u damet hekk ghal erba’ snin shah fejn ppruvat hafna anke b’opinjonijiet ta’ esperti li ssolvi din il-problema ta’ bejniethom izda ghalxejn ;
7. Illi il-psychologist tal-intimat imbaghad qalilha illi l-intimat kien tilef l-attrazzjoni ghaliha f’dawk il-ftit xhur li waqfu jkollhom x’jaqsmu ma xulxin qabel ma zzewwgu. Fil-fatt imbaghad hija waqfet tipprova tersaq lejh sesswalment ghaliex kienet tara li minn naha tieghu ma hux ikompli maghha u donnu ma jkollu l-ebda reazzjoni ghaliha. Din il-haga lilha kissritha u ma kienitx tifhem x’qed jigri ;
8. Illi barra minn hekk izda, l-intimat ma ghix iz-zwieg bir-responsabbilitajiet li dan igib mieghu. Huwa kien johrog mal-hbieb spiss u jabbanduna l-hajja tieghu mar-rikorrenti sakemm fl-ahhar wasal biex telaq ghal kollox mid-dar. Huwa kien johrog jixrob ma shabu u fil-fatt hija ma kien jista jkollha l-ebda xorb id-dar ghaliex l-intimat kellu problema tax-xorb. Saret taf ukoll imbaghad li kellu vizzji ohra bhal dak tal-pornografija ;
9. Illi fl-ahhar, wara erba’ snin, l-intimat telaq mid-dar f’Novembru 2011 u minn hemm hekk hija regghet fittxet l-ghajnuna. Huma

sseparaw permezz  ta’ kuntratt ta’ separazzjonji tat-12 ta’ Ottubru 2012 ;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi  :

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg tat-28 ta’ Lulju 2007 huwa null u invalid ghall-finijiet u effetti tal-ligi, u dan skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 19 (1)(b), 19 (1)(d) u 19 (1)(f) tal-Kap 255 u tal-Artikolu 19A (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi l-konvenut huwa kontumaci f’din il-kawza;

Semghet lix-xhieda illi gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat

it-28 ta’ Lulju 2007 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(b), (1)(d) u (1)(f) u Artikolu 19A(1) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

L-intimat huwa kontumaci f’dawn il-proceduri pero’ jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti kif graw.

**<u>Il-verzjoni tal-attrici</u>**

Permezz tal-affidavit taghha[1] l-attrici tghid li ltaqghet mal-intimat meta kellha biss sbatax (17) –il sena filwaqt li hu kellu tmintax (18). L-gherusija taghha damet ghal seba’ (7) snin. Tghid li wara tliet (3) snin gherusija, anke wara li hadet *loan* fuq id-dar, il-partijiet hassru l-gherusija taghhom principalment ghaliex ma kienx qed ikun hemm hin ghalihom u minhabba r-ras iebsa taghhom it-tnejn. Wara ftit l-attrici rrealizzat li kienet qed twebbes rasha, telqet mill-*part-time job* li kellha u l-partijiet irrangaw id-differenzi ta’ bejniethom anke jekk din kienet aktar fuq insistenza taghha.

Tghid li matul l-gherusija taghhom l-intimat dejjem kien jixrob xi ftit pero’ qatt ma qisitu bhala alkoholiku tant li kellhom relazzjonijiet intimi bejniethom b’mod normali wkoll. Kif imbaghad id-data taz-zwieg bdiet toqrob, l-attrici esprimiet ix-xewqa li l-partijiet jastjenu milli jkunu intimi ghaliex riedet tkun certa li ma tohrogx tqila qabel it-tieg. Ghalhekk il-partijiet ftehmu li ma jkunux intimi flimkien sa’ wara z-zwieg. Izzid tghid li wara z-zwieg, fil-*honeymoon* ghalkemm l-intimat ipprova, ma setax ikun intimu maghha. L-istess gara meta l-partijiet gew lura Malta u ghalhekk l-attrici bdiet twahhal fiha nnifisha. Iz-zwieg baqa’ qatt ma gie konsmat ghalkemm l-attrici ghamlet zmien tipprova pero’ mbaghad waqfet tavvicina ruhha ghaliex kienet thossha rifjutata. Maz-zmien, u cioe’ meta l-partijiet kienu waslu biex jisseparaw, l-intimat ammetta maghha li kellu problema akuta relatata mal-pornografija u li tali vizzju kien beda ftit xhur

[1] Ara l-affidavit taghha esebit a fol 22 tal-process

qabel ma zzewgu. Tghid li hassitha ngannata b'dan li ma tantx kellha fiducja li r-relazzjoni taghhom setghet titranga pero' madanakollu xorta riedet tghinu. F'April 2012, wara diversi sessjonijiet quddiem il-psikologu, wasal biex jghidilha li kien jaraha biss bhala habiba u xejn aktar.

Izzid tghid ukoll li l-problema tax-xorb u l-hrug eccessiv mal-hbieb kibru tant li ssemmi episodju fejn ta daqqa ta' sieq lil ommha. Maz-zmien l-intimat hareg mid-dar matrimonjali bl-iskuza li din kienet biss prova biex jaraw kif ser imorru, izda din ma kienet prova xejn. Wara ftit jiem fl-ahhar ammetta li ma kienx ghadu attratt lejha u kien f'dan il-punt li l-attrici kkonfermat li l-unika triq ghalihom kienet dik li jisseparaw.

**Il-verzjoni tal-intimat**

Permezz tax-xiehda tieghu in subizzjoni[2], l-intimat jikkonferma li l-partijiet kellhom problem ta' natura intima. Jispjega li dan mhux ghax ma ridux huma imma ghaliex ma rnexxilhomx it-tnejn li huma. Ir-raguni li jaghti hija dik li kien ghadda z-zmien u birdu minn xulxin. Jikkonferma li wara z-zwieg qatt ma kellhom 'full intercourse'.

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar it-28 ta' Lulju 2007 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 5 tal-process.

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xiehda ta' Mary B[3] fejn tghid li r-relazzjoni tal-partijiet kienet tidher wahda normali, specjalment fil-bidu tar-relazzjoni taghhom. Maz-zmien l-intimat beda johrog aktar mal-hbieb filwaqt li l-attrici bintha kienet toqghod id-dar. Tghid ukoll li l-intimat kien

[2] Ara x-xhieda tal-intimat datata l-4 ta' Frar 2014 esebita a fol 35 tal-process
[3] Ara l-affidavit taghha esebit a fol 17 tal-process

jixrob mhux hazin tant li kien hemm drabi fejn kien jitlef it-tempra u sahansitra kien hemm episodju fejn taha daqqa ta' sieq. Kien lejn l-ahhar tal-konvivenza tal-partijiet li bintha qaltilha bil-problemi relatati mal-intimita' ta' bejniethom b'dan li kemm kien ilhom mizzewgin, qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi.

Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' Roselyn Spiteri[4], habiba tal-attrici tikkonferma li l-attrici dejjem kienet titkellem b'mod li turiha li l-intimat jew johrog wahdu jew imorru ghand ommha fil-*weekend*. Tikkonferma dak li tghid omm l-attrici, fis-sens li l-attrici qaltilha li l-intimat kellu problem biex ikollu x'jaqsam maghha u zzid tghid li l-attrici ammettiet maghha li z-zwieg qatt ma gie konsmat ghalkemm izzid tghid li dejjem skond l-attrici, l-intimat kien isib sodisfazzjon sesswali permezz tal-pornografija. Tghid ukoll li l-attrici qaltilha li kien qed ikun agressiv meta jkun fis-sakra.

Issir referenza wkoll ghax-xiehda tal-*clinical psychologist* John Agius[5] fejn jikkonferma li l-intimat kien mar ghandu flimkien mal-attrici principalment fuq problema relatata mal-alkohol ghalkemm imbaghad infethu u hargu problema ohra bhala koppja. Jikkonferma li wahda mill-problemi kienet fil-fatt li ma setghux ikunu intimi flimkien, liema fatt gie kkonfermat miz-zewg partijiet max-xhud. Jghid li l-problema tal-intimat ma kienitx wahda fizika jew medika izda problema ta' *blockage* psikologiku li ssehh biss mal-attrici. Dan il-process kien beda fi zmien l-gherusija, lejn it-tmiem taghha. L-istess xhud jikkonferma wkoll li l-intimat kien jaghmel uzu kostanti mill-pornografija li permezz taghha kien prattikament qed jaghmel *replacement* ghall-attivita' sesswali.

Mix-xiehda prodotta ma saret ebda referenza ghal xi forma ta' zball li seta' sar dwar l-identita' tal-partijiet. Il-Qorti thoss li fil-provi migjuba quddiemha, m'hemm ebda accenn ghal xi possibilita' ta' zball fl-identita' tal-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(b), specjalment meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni il-fatt li l-partijiet damu flimkien ghal numru ta' snin

[4] Ara l-affidavit taghha esebit a fol 19 tal-process
[5] Ara x-xhieda tieghu datata l-4 ta' Frar 2014 esebita a fol 37 tal-process

qabel ma zzewgu. Ghalhekk, fin-nuqqas ta' l-icken prova relattiva ma' din il-bazi ghat-talba ta' annullament, il-Qorti ser tghaddi sabiex tiddiskuti l-bazijiet l-ohra.

Dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti thoss li mill-provi esebiti, ma jirrizultaw ebda provi li permezz taghhom jista' jigi stabbilit li l-partijiet ma kellhomx dik id-diskrezzjoni necessarja sabiex jidhlu ghaz-zwieg. Fil-mument tal-kunsens il-partijiet kienu jifhmu x'inhu zwieg, kienu jifhmu x'inhuma r-responsabbilitajiet taz-zwieg. Tant hu hekk li l-ebda parti ma ssemmi li ma kienx hemm dan in-nuqqas ta' diskrezzjoni (almenu fix-xiehda prodotta). Veru li kien hemm nuqqasijiet bejniethom pero' tali nuqqasijiet ma kienux relatati man-nuqqas ta' diskrezzjoni tal-gudizzju.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja***

***matrimonjali taghhom*”.**

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph** “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar `il fuq u in vista tal-provi migjuba quddiemha, li ma jaghtu ebda hjiel dwar xi nuqqas ta' diskrezzjoni da parti tal-partijiet il-Qorti tara illi anzi pjuttost jirrizulta li z-zewg partijiet kienu ta' sapport ghal xulxin, tant li l-attrici min-naha taghha kienet tmur ghand il-*psychologist* mal-intimat u riedet tghinu b’kull mod li setghet. Dan juri sens ta' maturita', rispett u lealta' lejn xulxin u konsegwentement m'hemm ebda prova li tista' tinduci lil din il-Qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni li xi wahda mill-partijiet ma kellhiex id-*discretio judicii* sabiex verament taghti l-kunsens taghha. Il-fatt li l-intimat seta’ kien ftit agressiv minhabba l-kwistjoni tax-xoghol ma tirrendix lill-istess intimat inkapaci li jaghti kunsens hieles u liberu. Lanqas ma turi li kien qed ibati minn nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe’ li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b’eskluzjoni pozittiva ta’ wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti tirrileva li ghalkemm il-partijiet jaqblu (u dan kif inhu konfermat ukoll mill-*clinical psychologist* John Agius) li z-zwieg baqa’ qatt ma gie konsmat, dan ma kienx konsegwenza ta’ xi decizjoni partikolari ta’ xi wiehed jew wahda mill-partijiet. Gialadarba ma kien

hemm ebda intenzjoni (tant li l-intimat stess jikkonferma li z-zewg partijiet ppruvaw ikollhom relazzjonijiet intimi flimkien) allura jirrizulta li m’hemm ebda eskluzjoni intenzjonata.

F’dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn gie ritenut li “***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***”.

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg f’dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ipprovat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F’dan il-kuntest terga’ ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn gie ritenut li “***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***”.

Sabiex din il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg abbazi ta' dan l-Artikolu, l-partijiet iridu necessarjament jippruvaw li huma eskludew wiehed mill-elementi necessarji taz-zwieg li jinkludi fost ohrajn l-intimita’ bejn il-partijiet.

Mill-provi prodotti u mill-verzjonijiet tal-partijiet dwar dan il-punt, jirrizulta bl-aktar mod car li effettivament u fil-prattika, l-partijiet qatt ma kkonsmaw iz-zwieg taghhom, pero’ din kienet biss rizultat ta’ cirkustanzi u m’hija bl-ebda mod marbuta ma’ xi decizjoni antecedenti ghall-ghoti

tal-kunsens.

Il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994 fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Ghal darb'ohra jerga' jigi rilevat li fin-nuqqas ta' provi konkreti reltatati ma' dan l-artikolu, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li dan l-artikolu ma jistax ikun applikat fil-kaz odjern.

Illi dwar l-Artikolu 19A(1) u cioe' dak relatat mar-rifjut tal-partijiet li jikkonsmaw i-zwieg, il-Qorti tirrileva li fir-rigward tal-konsumazzjoni o meno taz-zwieg qeghda taghmel referenza ghax-xiehda tal-partijiet kif korraborata bix-xhieda tal-*clinical psychologist* John Agius fejn jikkonfermaw ghal darba darbtejn li bejn il-partijiet qatt ma kien hemm *full inte*rcourse wara z-zwieg. Dan kien rifjut psikologiku da parti tal-intimat li minkejja li seta' jaghmel l-att jew li jiffunzjona sesswalment normalment, mal-mara kien hemm dan il-blokk psikologiku li kien iwaqqfu jew jimpedih milli jkompli l-att.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19A(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------